# IL-QNIEPEN TA' SAN ĠORĠ T'GĦAWDEX, 1925 – 1985

minn JOHN BEZZINA

L-eqdem tagħrifa dwar xi qanpiena f'Għawdex li rnexxielna nsibu tmur lura għall-5 ta' Diċembru 1465, meta fl-Atti tan-Nutar Andrea Beniamin, Antonio de Nasis ħalla ħames biċċiet tad-deheb (orenos quinque) sabiex bihom issir qanpiena waħda għal-knisja tal-Kunvent tal-Agostinjani ta' Għawdex.[1]

Imbagħad tissemma oħra li kellha l-knisja tal-Madonna tas-Sokkors fl-1514, liema knisja kienet wieqfa ħdejn il-knisja Parrokkjali ta' S. Ġorġ, u kienet waħda mis-sitt knejjes li kienu mibnija ħdejn u ma' dwar dik parrokkjali.[2]

Fl-istess sena 1514 Tona Navarra Pontremoli, riedet li ssir qanpiena bħal dink tas-Sokkors, għal-knisja tal-Madonna ta' Idrija, li kienet ukoll ħdejn dik ta' S. Ġorġ, liema knisja (Ta' Idrija) kienet inbniet ftit qabel mill-istess testatriċi *'apud Praetorium'*. Fl-Atti tan-Nutar Pinu Saliba (7-5-1515) hija ħalliet: *'Item reliquit praedictae Ecclesiae di Iria unam campanam similem campanellae S. Mariae de Succursu Rabbathi . . . '*.[3]

Fl-1515 ukoll kienet saret qanpiena oħra għal-knisja ta' S. Marija taż-Żebbuġ, li kienet imfaħħra ħafna f'xi żjara Pastorali ta' qabel l-1551. Din il-qanpiena qabel l-Assedju t'Għawdex flimkien ma' xi oġġetti oħra ta' din il-knisja nħbiet ġewwa bir u sal-lum għadhom ma nstabux.[4]

Bla dubju ta' xejn uħud mill-knejjes kellhom xi qanpiena jew oħra, imma dawn jekk ma kienux jinħbew, ta' kull darba li l-ħallelin tal-baħar kienu jaħbut għalina, kienu jeħduhom, għal-bronż, għal kanuni. Barra minn dan, il-kursari kienu jafu li jekk jisirqu l-qniepen, il-poplazzjoni kienet tkun miftuma minn mezzi għall-allarm f'kas ta' xi ħbit ieħor. Il-qniepen ma kienux jintużaw biss għal għajijiet reliġjużi, imma anke għal għanijiet oħra bħal ngħidu aħna n-NAFRA, biex iħabbru li-qorob l-għadu.

Żgur li ma kull żmien il-knisja ta' S. Ġorġ, billi kienet knisja Parrokkjali, fil-qalba tar-Rabat kellha l-qanpiena jew il-qniepen tagħha. Qed nużaw il-kelma qniepen, għaliex sas-seklu XVI, dawk il-knejjes XVI, dawk il-knejjes li kienu parrokkjali, kien meħtieġ li jkollhom tal-inqas tliet qniepen.

Huwa żgur ukoll li fl-Assedju tal-1551, il-kursari ta' Torgħud Rais, serqu mhux biss il-ftit ġid tal-knejjes, imma sa ħadu l-bibien tagħhom. Wieħed ma jridx jinsa wkoll li Torgħud kien ikkampat sewwa sew fejn il-knisja ta' S. Ġorġ. F'dan l-Assedju b'xi mod għabu wkoll ħafna dokumenti, għaleaqstant it-tagħrif li għad jista' jinkiseb huwa minn dokumenti oriġinali f'Catania u f'Palermo, minn Atti Noratili li ħelsuha, minn xi dokumenti li jeżistu fl-Arkivju tal-Katidral tal-Imdina. Iżda huwa fatt li min ma kienx jaħbi l-qniepen, dawn ma kienux jitgawdew għal żmien twil, għaliex l-attakki fuq Għawdex kienu spissi.[5]

## PREMESSA

Għaldaqstant din l-istorja tal-Qniepen ta' S. Ġorġ, ma tibdiex mill-bidu ta' l-ewwel qnipene li setgħa kellha din il-knisja fl-imgħoddi, imma huwa għandna biss dak it-tagħrif, li aħna rnexxielna niġbru dwar xi wħud minnhom. Fil-ġejjieni ħaddieħor għad jista' jsib aktar tagħrif speċjalment fl--Arkivju tal-Imdina, u dak tal-Katidral ta' Għawdex meta dan jinfetaħ għall-Pubbliku.

## IL-QANPIENA TAL-QUDDIES: 1652

L-eqdem qanpiena li għadha teżisti fil-knisja ta' S. Ġorġ, hija dik tas-Sagristija, li tiċċenċel eżattament hekk kif iċ-ċelebrant ikun ħiereġ mis-sagristija sabiex tibda l-quddiesa. Din il-qaniena ċkejkna tinstema sa mill-pjazza tat-Tokk, b'hekk dak li jkun iħaffef biex jilħaq il-quddiesa. Fuqha fiha d-data 1652 u riliev ta' bust tal-Madonna. Ma nafux jekk din il-qanpiena kienetx saret għal S. Ġorġ, jew inġabet minn xi knisja oħra f'ġieħ il-Madonna. Li nafu żgur huwa li għadha taqdi dmirha sewwa.

## IL-QANPIENA L-GĦAWDXIJA F'BIRKIRKARA: 177(?)

Sa minn meta kont għadni tifel kienu jgħiduli li darba, waħda mill-qniepen ta' S. Ġorġ, kienet inqatgħet il-kuruna tagħha, waqt li kienet tindaqq, waqa' l-ilsien u qatel tifel jew abbati li kien idoqqha. Kont nismagħhom jgħidu li wara, din il-qanpiena nbiegħet lil knisja ta' S. Liena ta' Birkirkara. Din it-tradizzjoni baqgħet f'moħħi u fil-ħarġa ta' *San Ġorġ*, (Vol. IV, Nru. 3, Marzu 1975, p.4), kont ġibt din it-tagħrifa li kien bagħtli l-Kan. Dun Vinċenz Borġ ta' Birkirkara:

*"Tħares għal fuq il-pjazza ta' quddiem il-Bażilika ta' Birkirkara fil-kampnar tax-xellug ta' min iħares, naraw* il-qanpiena l-Għawdxija*, qanpiena li kienet inxtrat mill-knisja ta' S. Ġorġ ta' Għawdex. Din il-qanpiena tiżen madwar 23 qantar (1826.1 Kg.). Jingħad* (ikompli l-Kan. V. Borġ)*, li ftit qabel ma xtraha Vincenzo Borġ magħruf bħala Brared, ġralha l-ħsara meta inqatgħula l-widnejn u waqgħet għal-ġewwa l-kampnar u qatlet abbati li kien qiegħed idoqqha."*

F'Birkirkara, ġiet marbuta b'żewġ granfi tal-ħadid imwaħħlin b'pins, flok il-widnejn, kif għadha sal-lum imdendla fil-kampnar tal-Arloġġ quddiem il-qanpiena l-kbira (li hija l-akbar waħda fil-ġżejjer Maltin u li tiżen 97 qantar u kwart (7719.545 kg.). Bħal qniepen tal-lum ta' S. Ġorġ, saret wkoll fil-fonderija ta' Aldo u Prospero Barigozzi f'Milan fit-22 ta' Jannar 1932.

Bħala Għawdxi, l-aktar li ġibditni lejn il-kampnar ta' B'Kara, ma kienetx il-Qanpiena l-Kbira, imma l-Għawdxija, li 'nxtrat minn Ċensu Borg Brared (1767 – 1837). L-ilsien tagħha huwa marbut b'kordi tal-imsaren. Iġġib fuqha x-xbieha ta' S. Ġorġ fuq iż-żiemel ġewwa medaljun ovali. Fuq in-naħa li tħares lejn il-pjazza hemm xi medaljun ieħor imma dan ma stajtx narah. Fil-kitba li semmejna kont niżżilt li fiha l-isem tal-Arċipriet li fi żmienu saret, imma dak inhar ma kellix sellum, fl-1983 kelli u għalhekk stajt naqraha aħjar: "IOACHIM TRE . . . ". Hawn il-bqija tal-kunjom ma jinqarax għaliex l-ittri huma mikula minn xi tiswija fil-qanpiena, imbagħad tinqara l-kelma "FECIT 177 . . ." u anke l-aħħar figura ma tidhirx.

L-isem Ioachim, fl-1974 kont ħsibt li kien l-isem tal-Arċipriet Giacomo Galea (24-8-1759 – 6-6-1773). Imma din id-darba l-ewwel tliet ittri tal-kunjom flimkien mal-kelma fecit tawni l-isem tal-Fonditur: IOACHIM TREGANCE.

## ĠAKKINU TREGANCE

Bejn l-1726 – 1796 fost il-fondiera li kienu jagħmlu l-qniepen hawn Malta kellna lil Giuseppe Tregance u ż-żewġt uliedu IOACHIM u FRANCESCO. Il-missier kien ħadem il-Monument tal-Gran Mastru Manoel de Vilhena, llum quddiem il-Mall tal-Furjana.

Uliedu baqgħu magħrufa l-aktar għall-qniepen. Fost ħafna baqgħu magħrufa sew dawk li għamel Ġakkino, nsibu l-kbira ta' Ħal Għaxaq (fl-1778), Qrendi (fl-1798), l-Imqabba (fl-1789), f'Ħal Kirkop (fl-1795), f'Ħal Luqa (fl-1797).[6] Għal Ħal Luqa Ġakkinu kien informa 1-kbira l-qadima li kienet tiżen 13-il qantar (952.6 kg.) u oħra żgħira ta' 4½ qantar (347.19 kg.).[7]

Huwa minnu li Castagna ma jsemmix il-qniepen ta' S. Ġorġ ta' Għawdex, imma l-isem 'Iochim Tre . . . fuq il-qanpiena infisha bil-kelma 'fecit' huwa l-aqwa dokument, u din bil-pis tagħha ta' 23 qantar hija waħda mill-kbar li nafu li ħadem Tregance. F'Għawdex Ioachim Tregance, għandu jew kellu aktar qniepen fosthom 'ORSLA' tal-Katidral li huwa ħadem fl-1791 flimkien ma ħuh, u t-tliet iqniepen ta' S. Wistin.

Nafu li fit-30-4-1821 ċertu Salvu Portelli tħallas skud u 4 tari talli niżżel minn postha il-qanpiena l-kbira ta' S. Ġorġ u fl-istess jum tħallas ukoll 14-il skud u 10 tari lill-ħaddied Giuseppe Caruana talli sewwiha.[8] Irridu nemmnu li din it-tagħrifa talludi għall-qanpiena l-kbira li llum tinsab f'Birkirkara, l-unika waħda li għada teżisti mill-qniepen ta' S. Ġorġ ta' qabel l-1925. Dan Caruana fid-19 ta' Ottubru 1820 kien tħallas ukoll 15-il skud talli sewwa l-istess qanpiena.[9]

## IŻ-ŻGĦIRA

Fl-1820 minflok il-qanpiena ż-żgħira li kien hemm qabel u li dwarha, aħna ma ltqajna ma l-ebda tagħrif, kienet saret oħra, li min jiftakarha ddoqq fil-Munxar, kienet waħda mill-isbaħ qniepen li kellna Għawdex. Din kien ħadimha l-fonditur Sqalli Ferdinando Leotta, dak li informa uħud mill-qniepen tad-Nadur. Il-qanpiena li swiet 65 skud kienet tiżen 156 ratal.[10] Salvu Galea tal-Għaġina li jiftakarha r-Rabat qalilna li fil-ħdax kienet iżżarżar u tinstema mar-Rabat kollu, imma fil-festa meta kienet tibda tindaqq bir-rifsa, hi biss kienet turi li ġejja festa. Din il-qanpiena ta' Leotta f'Ottubru 1925 sabet ruħha ma tnejn oħra fil-knisja tal-Munxar. Mis-sett il-qadim, kien hemm waħda magħrufa wkoll bħala l-Mezzana, li l-ilsien tagħha ġie imsewwi minn Mastro Gio Batta Muskat li tħallas 7 skudi u 6 tari u mill-ġdid fl-1839.[11]

## ŻEWĠ QNIEPEN ĠODDA FL-1827

Mir-Reġistru tal-Magħmudijiet (1813 – 1833) li ma huwiex ippaġinat, fejn tintemm is-sena 1827, insibu tagħrifa nteressanti dwar żewġ qniepen ġodda għal S. Ġorġ li kien għadhom kemm ġew imbierka fil-knisja ta' S. Publju l-Furjana mill-Isqof Publju Maria Sant, għan-nom tal-Arċisqof Fra Ferdinando Mattei fis-17 ta' Lulju 1827. Dawn kienu żewġ qniepen li kienu xxaqqu u reġgħu ġew infurmati mill-ġdid. Il-kbira fost it-tnejn tal-1827, hija dik li fl-1926 spiċċat it-Triq tal-Għajn. din meta ġiet ikkonsagrata ingħatat l-ismijiet ta' "Georgii-Ferdinandi-Publii-Mariae-Felicis et Philipp", filwaqt li l-qanpiena l-oħra issemmiet Mariae-Fortunati-Salvatoris. Din kienet l-akbar fost it-tlieta li fl-1925 inbiegħu lill-Munxar. Il-Parrinijiet tagħhom kienu ċertu Bartolomeo u Francisci. Dawn iż-żewġt iqniepen ittellgħu fil-kampnar fl-24 ta' Lulju 1927. Ħasra li l-Arċipriet Cutajar ma żammx l-iskrizzjonijiet tal-qanpiena ż-żgħira li ddewbet fl-1820, biex saret oħra flokha. L-anqas l-iskrizzjoni taż-żgħira l-ġdida. Ħasra li ma żammewx dettalji ta' meta l-kbira inbiegħet lil Birkirkara, u l-anqas żamm l-iskrizzjonijiet u dettalji oħra fuq iż-żewġt iqniepen li ddewbu fl-1827 biex saru tnejn oħra flokhom. L-anqas ma ħalla tagħrif dwar il-fonditur li għamel dawn it-tnejn. Huma kienu saru minn flus il-poplu, għalkemm l-Arċipriet Dun Fortunat Cutajar, kien ħareġ somma bħala self, għaliex insibu li fit-18-12-1827 huwa tħallas lura s-somma ta' 40 skud.[12]

Fl-1925 l-Isqof ta l-kunsens sabiex il-qniepen il-qodma ta' S. Ġorġ jinbiegħu u flushom imorru għal ħames qniepen il-ġodda.[13] L-ewwel li nbiegħu kienu t-tlieta ż-żgħar. Ma wieħed mill-pilastri tal-ġenb ta' taħt il-kampnar tal-Munxar aħna u deħlin mir-Rabat hemm irħama li tfakkar:

Dawn il-kniepel
Li kienu tal-knisja
Ta' S. Ġorġ M.
Ġew mgħotija lil din il-knisja
Mis-Saċerdot Dun Ġużepp Galea
Fil-15 t'Ottubru 1925.

Dun Ġużepp Galea (Tal-Oħxon) kien xtrahom minn S. Ġorġ għas-somma ta' £100. Meta l-Munxar fl-1954 ġew biex jagħmlu s-sett il-ġdid, dawn it-tlett iqniepen inbiegħu għal bronż u flushom marru għas-sett il-ġdid. Hawn insemmu mill-ġdid li kienet ħasra li qabel ma nbiegħu, kif kienu fl-art, il-Kappillan ta' dak iż-żmien ma kkupjax l-iskrizzjonijiet li kien hemm fuqhom. L-istess ġara meta nbiegħet għal-bronż il-qanpiena l-kbira tat-Triq tal-Għajn. Il-Kappillan ta' dak iż-żmien ma ħax ħsieb jikkopja l-iskrizzjoni li kien fiha hi u li kien hemm fuq il-qniepen l-oħra, li wkoll għabu.

Salvu Galea (Tal-Għaġina) dwar il-qanpiena l-kbira (dik li inbiegħet lit-Triq tal-Għajn) qalli: "*Għall-ewwel ta' S. Ġorġ ma riedux ibiegħuha, u żammewha għal xi żmien flok it-TINN, u kienu jdoqquha, imma ma qablitx mas-sett il-ġdid, għalhekk niżżluha u biegħuha. Dwarha kien inqala x'inkwiet l-għaliex l-Arċipriet Cassar ta' Sannat riedha wkoll. Il-qanpiena tat-Triq tal-Għajn iddewbet fl-1957 – 1958.*" Fuq din tat-Triq tal-Għajn kien hemm kitba kontra l-maltempati.

**IT-TERREMOT TAL-1856**

**Il-Ħadd 12 t'Ottubru 1856 fis-2.15 ta' filgħodu sar terremot kbir u fost il-ħsara li wettaq f'Malta u Għawdex, saret ħsara fil-knisja ta' S. Ġorġ. ;" . . .** ***fra le chiese quella di S. Giorgio parrochiale del Rabbato ebbe gran guasto nella cupola ed in uno dei campanili . . . "*** [13]

## Is-Sett il-Ġdid

Meta fl-1918 laħaq l-Arċipriet Hili, dan kellu quddiemu tliet problemi kbar: li jkabbar il-knisja, li jġib orgni ġdid u li jinġab sett qniepen ġodda. Fil-fatt kien beda l-ġbir sabiex jinxtara orgni ġdid. Imma sa dan it-tant tal-Qala fl-1922 ġabu mill-Italja sett qniepen, fuq noti ta' Mons. G. Farrugia 'Tal-Vers' li rnexxew tassew. Sar magħruf ukoll li l-Mellieħa wkoll kienu ser jagħmlu sett ieħor, akbar minn tal-Qala, imma fuq noti wkoll tal-Monsinjur tal-Vers, mingħand l-istess ditta ta' Aldo u Prospero Baricozzi e Cia. ta' Milan. Għalhekk in-noti tas-sett ta' S. Ġorġ tħallew ukoll f'idejn Mons. Farrugia, kompożitur tal-Innu l-Kbir tat-Tridu. Huwa għażel dawn in-noti: Il-Kbira: La be moll; il-Fonza: Do; Franġiska: Mi be moll; Kelina: La be moll, u Kurċifissa: Do.

## 1925

Sabiex forsi nsib ma' liema bastiment daħlu l-qniepen, rajt dawn il-ġurnali kollha li ġejjin minn Jannar sa Settembru 1925: Dr. Xecchec, Eukaristija, Malta, Lloyd Maltese, Malta Chronicle, Malta Tagħna, Mercurius, in-Nazzjon, Labour Opinion u l-Progress. Sibt il-wasla tal-qniepen tal-Mellieħa, u dawk ta' Ħal Balzan fit-12-3-1925 minn Marsilja fuq il-Vapur 'Celte' (Lloyd Maltese 14-3-1925), u l-wasla tal-Kbira tal-Mellieħa fis-17-3-1925 minn Ġenova fuq il-vapur 'Cimarosa'. Dwar ta' S. Ġorġ sibt li waslet waħda fis-7-7-1925 fuq il-vapur ***Tiziano*** Capt. Ivanovich (Lloyd Maltese 8-7-1925 p. 26), imma ma sibt l-ebda ħjiel tal-wasla tal-erbgħa l-oħra. Jista' jkun li waqt li kont infittex ħarbuli minn taħt għajnejja. Ħadt ħafna xogħol għaliex fil-knisja ta' S. Ġorġ ma sibtx il-Chronicon ta' dik is-sena.

## L-Iskrizzjonijiet Ta' Fuq il-Qniepen

### IŻ-ŻGĦIRA

Fost ix-xbiehat ta' fuqha hemm S. Ġużepp, San Mikiel u l-Kurċifiss. Il-qanpiena issemmiet 'GIUSEPPA-KELINA' għal benefattur Giuseppi Cordina u oħtu Kelina German. Għalkemm issemmiet Giuseppa, l-Għasafar tal-kampnari jsibuha bħala 'Kurċifissa', u n-nies tafha bħala 'Il-Qanpiena tal-Ħdax' għaliex it-tokki tal-ħdax jindaqqu biha kuljum. Il-kitba ta' fuqha tinqara hekk:

IOSEPHO
PUERI DEI NUTRICIO
MILITIAE CELESTIS PRINCIPI
IOSEPHI CORDINA CUM/
MICHAELA GERMANA
SORORE
D.D.
AN. CHR. MCMXXV

### IT-TANN

It-tieni qanpiena hija it-Tann, imma l-aktar li hija magħrufa hija bħala tal-Quddies jew tad-Duttrina. Jisimha 'KELINA' kemm għal S. Mikiel kif ukoll għal Prokuratur tal-Artal ta' S. Mikiel, Dun Mikelanġ Bezzina, bħal ma tixhed l-iskrizzjoni ta' fuq l-istess qanpiena. Ix-xbihat ta' fuqha huma S. Mikiel, il-Madonna tal-Karmnu, S. Katerina u l-Kurċifiss. il-Kitba ta' fuqha tinqara hekk:

MICHAELI ARCHANGELO
PROELIA DEI PROELIANTI
M.B.
PIUS AC PRUDENS
DE SUO DEDIT
A. CHR. MCMXXV

Kemm hi sabiħa l-espressjoni 'Pius ac Prudens', użata għal dan il-benefattur, li donnu xtaq jibqa' anonimu, li kien il-Prokuratur tal-fratellanza u tal-festa ta' S. Mikiel, li fil-purċissjoni tiegħu kienet tieħu sehem il-banda Ta' Ljun.

### IL-MEZZANA

Tissejjaħ hekk għaliex hija tan-nofs, hemm tnejn iżgħar u tnejn akbar minnha. Għal-ewwel li ġiet kienet magħrufa bħala l-qanpiena ta' Buferik, l-għaliex saret mill-legat imħolli minn Dun Franġisk Buhagiar ta' Buferik. Issemmiet 'Franġiska' għalih. Fuqha hemm ix-xbihat ta' S. Franġisk, S. Ġużepp, il-Madonna bil-mant miftuħ u fuq barra hemm S. Orsla. Il-kitba tinqara hekk:

FRANCISCI BUHAGIAR SACERDOTES
IN D. GEORGI AC BENIFICENTISSIMI
SUMPTIBUS
FRANCISCUS PORTELLIUS
ECCLESIAE GAULIT. CANONICUS
TEST. EXECUTOR
CONFICI CURABIT
AN. CHR. MCMXXV

Din il-qanpiena fl-1958 kienet tniżżlet minħabba xi ħsara u intbgħatet fil-fabbrika fejn kienet saret f'Milan, iddewbet u ġiet infurmata mill-ġdid. Kienet swiet £220. Kien mar jaraha l-Arċipriet M. Cefai flimkien ma' Ġużeppi Gauci żewġt oħt l-Arċipriet, u meta waslet, mingħajr ma reġgħet ġiet ikkonsagrata ittellgħet f'postha mill-istess Ġużeppi Gauci.

### IL-FONZA

Tissejjah hekk għaliex jisimha għal S. Alfons, u għal Arċipriet Alfonz Maria Hili li fi żmienu saru l-qniepen. F'din tiddomina x-xbieha tas-Sagra Familja. Fiha wkoll il-Madonna tal-Karmnu, S. Alfonz u S. Pawl padrun taż-żewġ gżejjer. Fiha x-xbiha tal-Karmnu għaliex kien ġabar għaliha Dun Karm Hili (Taż-Żeżżier) ħu l-Arċipriet. Il-kitba ta' fuqha hija din:

NAZARAE FAMILAE
IESU MARIA IOSEPH
PAULO APOSTOLO PATRONO
FIDELIUM LARGITIONIBUS
AC CARMELI HILI SACRA
CURA CONPLETUM
DICATUR
AN. REP. SALUTIS MCMXXV

### IL-KBIRA

Ftit jgħajtulha b'isimha 'ĠORĠA' kulħadd jafha bħala l-Qanpiena l-Kbira, għaliex hija l-akbar f'Għawdex. Fuq din il-qanpiena għandna l-armi tal-Arċipriet Hili, dik tal-Isqof Gonzi u tal-Papa Piju XI. Fuqha hemm ukoll in riliev S. Ġorġ, il-Kurċifiss, Kalċi bl-Ostja mqaddsa, S. Marija. L-iskrizzjoni ta' fuqha hija din:

ANNO DOMINI MCMXXV
PIO XI P. MAXIMO
M. GONZI EPO. GAVLITANO
IMPENSA CURA
CIVITATIS GAVLITANAE
CIVES
GEORGIO MEGALOMARTIRI
PATRONO
D.D.

L-Ordni għand Prospero Baricozzi ta' Milan kienet ta' sett ta' ħames qniepen, li l-piż u t-tonalità tagħhom ikun kif indikat hawn taħt. In rigward il-piż, kif jidher hawn taħt jeskludi l-piż tal-ilsna.

| Qanpiena | Isem | Ton (Nota) | Piż | Piż f'Kg. |
|---|---|---|---|---|
| Iż-żgħira | Giuseppa | Do | 2Qn. 42Rt. | 192.138 |
| It-Tieni | Kelina | La be moll | 5Qn. 65Rt. | 448.499 |
| It-tielet | Franġiska | Mi be moll | 12Qn. 94Rt. | 1027.175 |
| Ir-Raba' | Fonza | Do | 25Qn 57Rt. | 2030.147 |
| Il-Ħames | Ġorġa | La be moll | 42Qn. 65Rt. | 3385.399 |

Bl-ilsien b'kollox il-qanpiena l-kbira ġiet tiżen 48Qn. 61Rt.

## Prezz

Jingħad li s-sett tal-qniepen ta' S. Ġorġ sewa daqs il-qniepen tal-Mellieħa, u daqs is-sett gandlieri tal-fidda tal-Katidral. Kemm sewa s-sett tal-Katidral, jiena m'għandix tagħrif, biss fil-ktieb tal-Esito tal-Mellieħa taħt id-data 23-7-1925 hemm imniżżel li tħallsu £969.15.9½. S'issa ma ġewx f'idejja l-kuntratt ta' S. Ġorġ, għaldqastant din il-figura tista' fil-ġejjieni tiġi riveduta.

## It-Tberik tal-Qniepen

Mill-gazzetta ***Malta*** tad-19 ta' Setembru 1925 nisiltu din l-istedina: '*Giovedi p.m. 24 corrente Sua Ecc. Revma. Mons. Gonzi, Vescovo di Gozo, benedirà sollennemente cinque nuove campane destinate per la Chiesa Parrochiale di S. Giorgio M. della Città Vittoria. La funzione avrà luogo nella piazza della medesima chiesa alle ore 4.30 p.m. Questo avviso serve di invito a tutti indistintamente. Il Molto Rev. Arciprete Parroco Can. Alfonso M. Hili farà un breve discorso d'occasione.*"

## Parrinijiet il-Ministri

Fis-26 ta' Settembru 1925 wieħed korrispondent li ffirmo 'Gavlos', kien bagħat ittra lil gazzetta ***Malta*** dwar il-konsagrazzjoni tal-qniepen. Din l-ittra dehret fil-ħarga tat-30 ta' Settembru. Minnha nisiltu u naqilbu għal-Malti dan li ġej: "*Nhar il-Ħamis 24 ta' Settembru fil-Belt Vittoria, saret ċerimonja 'più unica che rara', it-tberik ta' ħamest iqniepen ġodda għal knisja Parrokkjali ta' S. Ġorġ. Assistiet għaċ-ċerimonja, folla immensa li mliet il-pjazza tal-knisja u t-triq quddiem il-knisja fejn kienu l-ħames qniepen, tnejn minnhom ta' kobor straordinarju.*

*Il-funzjoni twila kienet immexxija mill-Isqof Gonzi, assistit minn Mons. L. Cordina u Mons. G. Pace. Kienu parrinijiet tal-qniepen: L-Onor. Enrico Mizzi, Ministru tal-Industrija u Kummerċ (u ministru tat-Teżor ad interim), il-Kbira; L-Onor. Salvu Borg Olivier, President tal-Assemblea Leġislattiva, iż-Żgħira; L-Onor. Carlu Mallia, Ministru tal-Ġustizzja, it-Tann; L-Onor. C. Mifsud, Ministru tas-Saħħa Pubblika, il-Fonza; u L-Onor. Dr. Giovanni Adami, Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi, Franġiska. Lil kollha kemm huma l-folla laqgħethom bil-qalb. Wara ċ-ċerimonja l-Isqof, il-Ministru l-mistednin oħra ħadu sehem f'repos kbir fis-Sagristija tal-knisja. Nagħtu prosit mill-qalb* (jagħlaq il-kittieb) *lil promuturi taċ-ċerimonja u b'mod partikulari liż-żelantissimu li qatt ma jgħejja l-Arċipriet Kappillan Mons. Alfons M. Hili li lilu huwa dovut is-suċċess indiskutibbli.*"

Hawn wieħed ma jridx jinsa fatt storiku, cioè li Mons. Hili kien membru tas-Senat, u għaldaqastant ma kienx diffiċli għalih li jiġu l-Ministri kollha biex jagħmluha ta' Parrinijiet. Imma hawn nistaqsu għaliex il-konsagrazzjoni saret fost il-Ġimgħa? U nistaqsu wkoll, għaliex f'okkażjoni bħal din meta waslu f'Għawdex l-akbar sett ta' qniepen, il-Banda 'La Stella' ma ħaditx sehem? Meta wieħed iqis li l-istess banda flimkien mal-Banda Leone is-Sibt ta' qabel (17-9-1925) ħadet sehem fil-Festa Nazzjonali t'Għawdex?

## Kelmtejn tal-Arċipriet

Iz-ziju tiegħi, Patri Ġjaċint Camenżuli, tal-Kabuċċini li kien kiteb il-kliem ta' l-Innu tal-Banda 'La Stella', kien iħobb isemmi l-priedka ta' Dun Alfons meta ġew ikkonsagrati l-qniepen. Hu kien jgħid hekk: "*L-Arċipriet ried kieku f'kelmtejn jiżżiħajr lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għenu sabiex din l-opra tirnexxi. Billi Mons. Gonzi qabel ma 'nħatar isqof t'Għawdex kien imxaqleb ħafna ma tal-Labour. Billi Mons. Pace kien imxaqleb mal-partit fil-Gvern, imma ma kienx irnexxielu jsir Isqof, għalhekk, u billi hu stess Dun Alfons kien senatur u billi kien hemm parrinijiet il-Prim Ministru (ad interim) u Ministri oħra, imma wkoll billi ħafna partitarji ta' l-Istilla minn wara*

*S. Franġisk u Għajn Qatgħet, kienu mxaqilba lejn ta' Strickland, huwa qagħad attent ħafna sabiex ma jurta lil ħadd, la lil 'tal-Ġelati', la lil 'tal-Maduma', u l-anqas lil 'tal-Buttuna'.*

*Imma x'ħin ġie biex jitkellem fuq il-Monsinjur tal-Vers, sploda u qal: 'S. Ġorġ mis-sema ilu s-snin jisma' l-innu l-Kbir ta' Mons. Giuseppe Farrugia. S. Ġużepp li tiegħu kien iġib ismu f'lejliet il-festa tiegħu sejjaħlu sabiex mis-sema, jisma' l-qniepen li kien intonalu fil-Qala, u anke l-Għarusa tiegħu Marija Bambina, wkoll rieditu ħdejha lil Monsinjur tagħna, sabiex minn hemm fuq, jisma' l-qniepen sbieħ li huwa kien għadu kif intona għal Mellieħa, biex bħal kieku Marija u Ġużeppi jikkonvinċuh li s-sett li kien intona għal knisja tiegħu, il-knisja ta' S. Ġorġ, kien ser ikun sewwa sew bħalhom. U meta daqqew l-ewwel darba tal-Mellieħa Dun Ġużepp semagħhom mis-sema, semagħhom idoqqu bil-ferħ jiżżuħajr lil Alla, semagħhom inaqqru l-ewwel darba fin-niket il-mewt tiegħu stess. U rridu nemmnu li S. Ġorġ resaq fuq il-Monsinjur u qallu, 'Aħna dħalna għalik, bagħtna għalik, għaliex ma ridniex li inti tisma' l-qniepen li ntonajtilna, mill-pjazza ċkejkna tiegħek, mis-Suq, ridniek tismagħhom min hawn fuq, il-fuq mill-kampnari'.*

*Għalhekk għażiż ħuna ismagħhom ifaħħru l-Alla, l-Omm Marija li int tant ħabbejt, lill-Għarus tagħha Ġużeppi, li tiegħu inti ġġib ismu u lil S. Ġorġ, li inti dejjem ħabbejt daqs il-mimmi t'għajnejk. Għalhekk nistieden lill Eċċ. Tiegħu sabiex jiġbed l-ewwel tokki bil-qniepen tiegħek, u wara nistieden il-mexxejja ta' pajjiżna ħalli huma wkoll jagħmlu l-istess . . . u jkunu xhieda, tas-sbuħija ta' leħinhom, li jwassal fil-bogħod, il-leħen tal-verità . . . "*

## It-Tlugħ Tagħhom fil-Kampnari

Dwar it-tlugħ tal-qniepen fil-kampnari, Salvu Galea tal-Għaġina kien qalli: '*Ma kienetx ħaġa tqila li t-tnejn iż-żgħar jittellgħu f'posthom, imma x'ħin ġew biex itellgħu l-mezzana, i kienet fuq is-sodda tar-ramel faċċata tal-ħanun ta' Sopu, din kienet marbuta b'żewġt iħbula u x'ħin ingħata s-sinjal biex jiġbdu, il-ġibda ma kienetx f'daqqa, u wieħed mill-ħbula 'nqata' u n-nies waqgħu waranijiet lejn ta' Marozz. Dan kien is-Sibt u ġie deċiż li t-tnejn il-kbar jitħallew imdendla fejn kienu fis-Suq, sakemm isiru arranġamenti oħra. Kemm iz-Zopp u kemm tal-Qanfuda qalu lin-nies li waqt li kienu qed itellgħu l-kbira tal-Mellieħa kien faqqa l-gwarniċun. B'hekk il-Fonza u l-Kbira baqgħu mdendlin fis-Suq, bin-nies għassa magħhom bil-lejl. Ta' Ljun ħadu għalihom u ħasbu li l-purċissjoni ta' S. Mikiel minħabba l-qniepen fis-Suq ma kienetx ser toħroġ, imma l-purċissjoni ħarġet u għaddew bil-vara minfejn Ta' Wrinju* (Market Street)."

## It-Tlugħ tat-Tnejn il-Kbar

Il-Kav. Joseph Borg (Spiżjar) fit-8-9-1983, kien kitibli fit-tul dwar it-tlugħ tal-qniepen il-kbar ta' S. Ġorġ. Fil-qosor huwa kitbli dan li ġej: "*In-noti huma tal-Mons Dekan vigarju Ġenerali Farrugia tal-Vers (1852 – 1925) . . . u ġew imtellgħin f'posthom mis-Suldati Maltin tal-R.M.A., fl-10 t'Ottubru 1925. L-Arċipriet permezz ta' 'Ħarufu', Kalanġ Borg tal-Ħaruf (Missier il-Kav. Joseph Borg), u li kien suldat, qallu kif kienu għamlu tal-Qala, biex inqdew bl-R.M.A.*" U l-Arċipriet bl-influwenza tiegħu bħala senatur, bil-Ministri parrinijiet tal-qniepen, u li kienu għadhom Għawdex minħabba t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Magna tal-Luċelettrika, kiseb malajr l-għajnuna tal-Militar għat-tlugħ taż-żewġt iqniepen kbar.

Rigward il-qanpiena l-kbira, Salvu Galea tal-Għaġina qalli: "*Meta ġejna biex intellgħuha kulħadd jiġbed għalenija . . . il-ħbula bl-istirar bdew iċaqċqu bħal meta vapur jistira fuq iċ-ċimi. Sabiex waslet fuq, mis-Suq, bil-ħbula nimxu lura, dawk li kienu f'tarf il-ħabel waslu sa ras it-Taraġ tal-belt, u l-oħrajn kulħadd inkaxxat mal-ħajt tal-banka. L-aktar xjuħ kienu lura għalli jista jinqala. Ma l-għajta 'Heave', kulħadd jiġbed f'daqqa kulħadd miexi lura u l-qanpiena telgħet ħelu ħelu, biss kien hemm xi waqfien żgħir ħafna x'ħin waslet taħt il-gwarniċun tal-frontispizju, sakemm inqalgħet il-barra biex ma taħbatx. . . Għalkemm kien hemm il-bennej taż-Żebbuġ, dan kien fuq il-kampnar, it-treġija tat-tlugħ kienet tas-suldati Maltin. Il-ħbula ġabuhom magħhom huma mit-tarzna. Il-Affari kien hemm imdaħħal Kalaġ tal-Ħaruf, li qabel . . . anzi sa żmien wara*

*kien diehel u hiereġ il-Każin ta' l-Istilla.* (In fatti dan intreggħa minħabba tilwima dwar xi gassijiet li kien talab lil xi ħadd tal-Kumitat għat-tfal, u dan il-membru ma kienx tah). *Jekk ma hiniex sejjer żball, dan l-istess Kalanġ kien hu li telgħa fuq il-kuruna tal-qanpiena, u baqa' tielgħa magħha sa fuq, sabiex ma jħallihiex taħbat mal-ħajt . . . jew jekk kienx hu li dderiġa lilna waqt il-ġbid . . . "*

Dan li qalli Salvu Galea jaqbel sew ma dak li kitibli l-Ispiżjar Borġ dwar missieru. Borg ikompli: *"Wara li tellgħu il-qniepen u ntrabtu f'posthom daqqew mota bil-kbir, kien lejlet il-Konsagrazzjoni tal-Katidral. Wara kien hemm trattament fis-Sagristija li għalih kienu mistiedna dawk kollha li għenu inkluż il-Kulunell, il-Kaptan, żewġ surġenti u tmien suldati, 12 b'kollox. L-Arċipriet waqt it-trattament ta f'idejn Kalanġ 12 l-inkwatru bi xbieha ta' S. Ġorġ fuq iż-żiemel, u wara li radd ħajr lis-suldati għas-servizz li taw, tahom inkwadru kull wieħed."*

Salvu tal-Għaġina qalli li l-ewwel mewt li ndaqqet bil-qniepen ta' S. Ġorġ kienet ta' Peppina tal-Makaw, u tassew Peppina Buħagiar mietet fl-10 t'Ottubru 1925, u ttieħdet l-għada (Ġesù Ewkaristija Nov. 1925). Fil-fatt il-qniepen ittellgħu fil-11 ta' Ottubru, wara jum esposti, sar għasar u priedka ir-Rużarju, Tlugħ tal-Qniepen, Antifona, Te Deum u Barka Sagramentali.[14]

## Għaliex Ma Daqqitx Il-Banda La Stella

Huwa fatt kurjuż, li meta ġew ikkonsagrati l-qniepen ma kienetx daqqet il-Banda La Stella, għalkemm kif rajba kienet wettqet programm is-Sibt ta' qabel.[15] Huwa veru li l-konsagrazzjoni saret fost il-ġimgħa, il-Ħamis 24 ta' Settembru, imma poplu sħiħ inġabar għal din iċ-ċerimonja tal-akbar sett ta' qniepen f'Għawdex. Għaliex ma ħaditx sehem il-banda? Għaliex il-Konsagrazzjoni saret il-Ħamis u mhux il-Ħadd? Aħna ma nafux, iżda ser insemmu xi ftit fatti, li jistgħu jindikaw. Fit-18.9.1925, ġriet ix-xnieha li l-Partito Unione Politica Maltese u l-Partit Demokratiku ingħaqdu.[16]

1. Il-Parrinijiet kienu l-Prim Ministru u Ministri oħra. Ħafna minn ta' l-Istilla, dawk ta' wara S. Franġisk, kienu Striklandjani.
2. Il-Ħadd 27 ta' Settembru, il-Konti Strickland kellu meeting pubbliku fir-Rabat t'Għawdex.
3. Fl-istess jum il-Prim Ministru u l-istess Ministri, poġġew l-ewwel ġebla tal-Magna tal-Luċelettrika fir-Rabat ukoll u li ġiet imbierka minn Mons. Gonzi.
4. Il-Ħadd ta' wara, 4 ta' Ottubru kien ġie inawgurat il-każin il-ġdid tal-Banda La Stella fi Triq it-Tiġrija.
5. Fil-11 ta' Ottubru ittellgħet il-qanpiena l-Kbira, kienet lejlet il-Konsagrazzjoni tal-Katidral, u ndaqqet bihom l-ewwel mota solenni u l-ewwel mewt.

Għaddew biss sittin sena minn mindu nġabu l-qniepen u kif rajna għax ma ħadux ħsieb jid-dokumentaw, diġà hemm xi mistoqsijiet li dwarhom huwa diffiċli li ssib tweġiba.

### L--GĦASAFAR TAL-KAMPNARI

**U sabiex ma jintesewx bħal ma intesew ħafna affarijiet oħra li ma ġewx reġistrati, aħna nsemmu hawn xi wħud mill-Għasafar tal-Kampnari kemm ilu li ġie s-sett. Dawn kienu l-aktar nies magħrufa li daqqewhom u li ħafna minnhom ħallewna. Majsi Zahra (Tal-Għadmu), Manwel Cini (Ta' Rixu), Ġangu Agius (Is-Sagristan), Ġużeppi Abela (Ta' Sabbella), Ċikku u Karmnu tal-Aħmar, Toni Grech (Il-Kiċċi), ħija Anton Bezzina (Taċ-Ċagħqi), l-aħwa Ġużeppi u Ġorġ Gauci (Ta' Frelillu), Toni Portelli (Il-Barmil), Ġużeppi Gatt, Ġużeppi Formosa (Tal-Gwardjan), Joe Attard (Kampnari). Meta l-qniepen kienu fi ħsieb Joe, hu kien jinsa x-xogħol, kien jinsa l-ħobż, u huwa jibqa magħruf għar-rifsa sabiħa li biha kien idoqqhom. Joe bħall-għasafar ta' qablu ħalliena, ħalliena b'disgrazzja, imma żgur li S. Ġorġ sejjaħlu għal ħdejh sabiex min hemm fuq bħall oħrajn li marru qablu jisma' d-daqq ħlejju tal-qniepen tagħna. Illum, 1985, jieħdu ħsiebhom Joe Aquilina u ibnu Joe, Joe Mercieca u Leli Scicluna (Sagristan) u Leli Attard u ibnu Joe.**

1. Ms. N.Lib. 1012 fol. 305.
2. Farrugia, G., ***Għawdex bil-Ġrajjiet Tiegħu***, Vol. II, p. 74.
3. Ut supra.
4. Ibid. p. 71.
5. Bezzina, John, ***San Ġorġ Dejjem Ħarisna***, 1984: Mimeograph.
6. Castagna P.P., ***Storja ta' Malta u Għawdex***, Vol. III.
7. Micallef, G. ***Storja ta' Ħal Luqa.***
8. Libro Esito 1817 – 1844, fol. 234
9. Id. fol. 235.
10. Id. fol. 234.
11. Id. fol. 238.
12. Id. fol. 239, fol. 246.
13. Għid ta' l-Assunta 1968, p. 6.
14. Lib. Bap. 1925, fol. 584.
15. ***Malta***, 17.9.1925, p. 2.
16. ***Malta***, 19.9.1925, p. 2.



Il-qampiena l-kbira – ĠORĠA – fil-Kampnar tal-Bażilika Ġorġjana.


**FGP for all your requirements in FIBREGLASS & SHEET METAL WORK**

*We manufacture and install*

- **Galvanized doors and shutters for garages and shops**
  - • Round-the-corner garage doors • Up-and-over garage doors • Garage doors on hinges • Roller shutters for shops • Collapsible shutters for shops
- **Fibreglass water tanks which cannot corrode, are easy to install and are elegant in outlook**
- **Fibreglass boats**

We also manufacture office furniture, air-conditioning, ducting, steel closed lockers, canopies, partitions and skylights.

**FGP Limited**

49 Valletta Road Luqa Tel 624181, 625527

● Specialists in fibreglass, sheet metal jobbing and light engineering

